# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2025.**

**Numru: 14**

**Rikors numru: 493/2024/1**

**Wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2024 fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Bonello u Wayne Catania**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-Qorti tal-

Maġistrati) fis-17 ta' Ottubru, 2024, fejn il-Kummissarju tal-Pulizija ġie misjub ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha u b'hekk ġie kkundannat iħallas multa ta' €500.

**Daħla**

2. Fis-17 ta' Ottubru, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha u bħala konsegwenza waħħlitu multa ta' €500. Dan għamlitu minħabba raġunijiet li ġew imfissra hekk:

> *«Meta ssejħet il-kawża deher l-ispettur Andrew Agius Bonello għall-prosekuzzjoni.*
>
> *Deher l-imputat Wayne Catania assistit minn Dr Nicholas Mifsud.*
>
> *L-imputat Bonello imsejjaħ diversi drabi ma deherx.*
>
> *Dr David Bonello imsejjah diversi drabi ma deherx.*
>
> *Il-Qorti tagħmel referenza għall-verbal tas-16 ta' Mejju 2024 fejn f'dik l-udjenza l-Qorti ordnat il-ħruġ tal-mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat Keith Bonello. Il-mandat ta' arrest tas-16 ta' Mejju 2024 ma ġiex eżegwit u fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2024 il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li dan ma sarx għax bi żvista ħarġet riferta minflok mandat ta' arrest. Illi fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2024 reġa' rriżulta li l-mandat ta' arrest ma ġiex eżegwit u wara li semgħet is-surġent responsabli għalih irriżulta li dan il-mandat mar biex jiġi eżegwit nofs siegħa biss qabel il-kawża. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet ripetuti l-Qorti sabet lill-Kummissarju tal-pulizija ħati ta' disprezz u tagħtu multa. Illi llum għal darb'oħra reġa' ma ġiex eżegwit il-mandat ta' arrest u minflok il-pulizija għażlet li tinnotifikah, liema notifika hija pożittiva. Illi uffiċjal mill-għassa ta' San Ġiljan ma deherx sabiex il-Qorti tkun infurmata għalfejn reġa' ma ġiex eżegwit il-mandat ta' arrest. Il-Qorti ġiet infurmata li l-uffiċjal prosekutur kemm-il darba ċempel l-għassa ta' San Ġiljan għall-informazzjoni u jekk hux se jattendi xi ħadd u proprju waqt l-udjenza intbagħtet e-mail lill-ispettur Agius Bonello. Il-Qorti diġà wissiet u ċanfret lill-Kummissarju tal-Pulizija fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2024 iżda dan ma sarraf f'xejn għax għal darb'oħra l-mandat ta' arrest*

*reġa' ma ġiex eżegwit. Ill jirriżulta li għal xi raġuni f'dan il-każ kull darba jkun hemm nuqqas serju sabiex dan l-imputat jinġieb il-Qorti. Il-prosegwiment tal-każ u l-għeluq tiegħu jiddependi kompletament, f'dan l-istadju li l-Korp tal-Pulizija jeżegwixxi dan il-mandat ta' arrest u sfortunatament il-Qorti m'għandha ebda mezzi oħra legali sabiex tassigura l-attendenza tiegħu. Illi dan l-aġir huwa għalkollox inaċċettabli, iktar u iktar issa li reġgħet inbdiet sena forensika ġdida.*

*Il-Qorti terġa' ssib lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz u tikkundannah multa ta' 500 ewro.*

*Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.»*

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija appella minn din id-deċiżjoni b'rikors imressaq nhar it-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2024 u talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar tali deċiżjoni għaliex: (i) l-għemil attribwit lill-Kummissarju tal-Pulizija ma jaqax fit-tifsira ta' disprezz *in facie curiae* (i.e. quddiem jew fil-preżenza tal-qorti) u għalhekk il-Maġistrat li kienet qiegħda tpoġġi fil-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati hija stess ta' disprezz u tikkundannah għall-ħlas ta' multi iżda jekk xejn hija kellha tibgħat tgħarraf lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jibda proċeduri ta' disprezz skont l-**Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) li huwa ma wettaq l-ebda għemil jew ommissjoni li jistgħu jitqiesu bħala mġiba ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti tal-Maġistrati; u (iii) li l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta' jinstab ħati ta' disprezz ladarba huwa qatt ma deher fil-proċeduri inkwistjoni.

4. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali wieġbu għal dan l-appell fit-13 ta' Jannar, 2025 u qalu li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mhuwiex il-leġittimu kontradittur

minħabba li dan huwa appell ġej minn deċiżjoni mogħtija f'kawża kriminali u li f'kull każ huma joqogħdu għal kull deċiżjoni li sejra tagħti din il-Qorti.

5. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2025 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

6. L-ewwel punt li trid tiddeċiedi din il-Qorti hija jekk ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali kellux ikun parti f'dan l-appell jew le.

7. Fir-risposta tal-appell tiegħu, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jgħid li hu mhuwiex il-leġittimu kontradittur għaliex dan l-appell sar minn deċiżjoni mogħtija minn qorti b'kompetenza kriminali u mhux ċivili.

8. Din il-Qorti tqis li l-**Artikolu 366 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li huwa fid-dmir tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati li jiġbor l-multi u l-ammendi li jkunu ġew ordnati mill-Qorti tal-Maġistrati. Jiġi osservat ukoll li skont l-**Artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali**, id-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq il-qima li għandha tinġieb lill-qorti, jgħoddu wkoll għall-qrati kriminali.

9. Fil-każ tagħna l-multa ta' €500 li dwarha sar dan l-appell, inħarġet sewwasew mill-Qorti tal-Maġistrati. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti qiegħda tifhem li huwa r-Reġistratur li għandu jwieġeb għal appell li jkun sar taħt l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex titneħħa dik il-multa, ladarba bil-liġi huwa r-Reġistratur li huwa mgħobbi bl-obbligu li jieħu ħsieb jiġbor dik il-multa.

10. Il-**Kodiċi Kriminali** iżda ma jgħidx liema Reġistratur speċifiku għandu jiġbor dik il-multa. Dan għaliex l-**Artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali** jsemmi biss ir-Reġistratur. Il-mistoqsija għalhekk hija liema wieħed mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jew mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali huwa responsabbli mill-multa ta' €500 li dwarha appella l-Kummissarju tal-Pulizija?

11. Illi l-funzjonijiet u d-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali joħorġu mir-**Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi Oħra tal-Qorti) (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.21)**, filwaqt li l-funzjonijiet u d-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali joħorġu mir-**Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra) (Leġislazzjoni Sussidjarja 9.09)**.

12. Id-differenza ewlenija bejn dawn iż-żewġ Reġistraturi hija li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tar-reġistri tal-qrati u tat-tribunali ta' Malta u Għawdex ta' kompetenza ċivili li hemm imsemmija fir-**Regolamenti 5** u **6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.21**, mentri r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tar-reġistri tal-qrati u tat-tribunali f'Malta u Għawdex li hemm imsemmija fir-**Regolamenti 3** u **4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.09** illi kollha għandhom kompetenza ta' sura kriminali.

13. Billi fil-każ tal-lum, il-multa nħarġet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, mela allura l-obbligu marbut mal-ġbir ta' dik il-multa jaqa' fi ħdan ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bħala l-persuna li skont ir-**Regolament 3(3) tar-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra)** huwa responsabbli mir-reġistri tal-qrati li huma mogħnija b'ġurisdizzjoni kriminali.

14. Hija siewja għalhekk il-preġudizzjali tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li hu ma jweġibx għall-appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija ladarba dan l-appell jinvolvi multa mogħtija minn qorti ta'

ġurisdizzjoni kriminali.

15. B'danakollu joħroġ mill-atti tal-appell, li għad li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġie notifikat bir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, dan fl-ebda ħin ma qatt ġie ordnat biex idaħħal risposta. Minkejja li fir-risposta tal-appell tiegħu, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jgħid li huwa wieġeb għall-appell b'ħarsien tad-digriet tas-6 ta' Awwissu, 2024, ma jirriżultax però li din il-Qorti tal-Appell tat xi digriet bħal dak. Anzi ma jistax ikun li din il-Qorti tat digriet fis-6 ta' Awwissu, 2024 sabiex ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jagħmel risposta tal-appell, meta l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija daħal fil-21 ta' Ottubru, 2024, jiġifieri aktar minn xahrejn wara. Għalhekk jekk ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għażel li jwieġeb għall-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija dan għamlu minn jeddu u mhux għaliex huwa ġie ordnat sabiex idaħħal risposta. Bix-xieraq għalhekk li l-ispejjeż tar-risposta tiegħu jitħallsu minnu stess ladarba ma kellux għalfejn idaħħal risposta tal-appell.

16. Niġu issa għall-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija.

17. Fl-**ewwel aggravju** tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija jgħid li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx bil-liġi twaħħlu multa hija stess, jekk kemm-il darba din dehrilha li n-nuqqas tal-pulizija eżekuttiva milli teżegwixxi l-mandat tal-arrest kien iwassal għal xi għamla ta' disprezz min-naħa tal-

Kummissarju tal-Pulizija lejn l-awtorità tagħha. Dan jgħidu għaliex tali allegat disprezz mhuwiex wieħed li jaqa' taħt l-**Artikoli 990** jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fejn il-Qorti tal-Maġistrati tista' tagħti l-multa hija stess. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija jisħaq li jekk il-Qorti tal-Maġistrati ħasset li dan naqasha fil-ġieħ tagħha allura hija kellha tordna lir-Reġistratur sabiex iniedi proċeduri ta' disprezz kontra tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

18. Din il-Qorti mingħajr wisq kantunieri tgħid li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tiswiex għaliex din ma tħarisx dak li jrid l-**Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali**, li jgħid li meta qorti tagħti s-sentenza kontra l-imputat, hija għandha ssemmi l-artikolu tal-liġi li taħtu tkun sabitu ħati. Din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Robert Saliba*** deċiża fis-17 ta' Ġunju, 2016 kienet qalet li proċeduri ta' disprezz dejjem tqiesu bħala li għandhom min-natura ta' proċeduri kriminali u għalhekk jgħoddu għalihom dak li hemm imsemmi fl-**Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali**, b'dana li n-nuqqas ta' tismija tal-artikolu li joħloq ir-reat iwassal għan-nullità tas-sentenza. L-istess konklużjoni kienet ġiet milħuqa wkoll fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2000 fejn deċiżjoni ta' disprezz ġiet imħassra għaliex ma ġiex indikat l-artikolu tal-liġi li fuqu nstabet il-ħtija ta' disprezz.

19. Għal din ir-raġuni biss għalhekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati għandha tiġi mħassra għaliex din ma semmietx l-artikolu tal-liġi li dwaru sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz.

20. Imma anke jekk kieku stess, wieħed kellu jikkonċedi illi meta l-Qorti tal-Maġistrati waħħlet il-multa ta' €500 lill-Kummissarju tal-Pulizija hija kellha f'moħħha l-**Artikolu 991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, xorta waħda kif sejjer jiġi spjegat aktar 'l isfel hija ma setgħetx tinqeda b'dan l-artikolu tal-liġi għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma setgħetx tagħti l-multa hija stess.

21. Diġà għidna aktar kmieni li l-**Artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq il-qima li għandha tinġieb lill-qorti għandhom jgħoddu wkoll għall-qrati kriminali.

22. Il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet legali dwar l-istitut tad-disprezz jinsabu fit-**Titlu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** msejjaħ «***Fuq ir-Rispett Li Għandu Jinġieb lill-Qorti***.» F'dan it-titlu tal-liġi nsibu għadd ta' għemejjel differenti li jikkostitwixxu forom differenti ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti. Fosthom insibu dawk li fil-liġi huma msejħa bħala *in facie curiae* (li tfisser f'wiċċ il-qorti). Dawn jinsabu mfissra fl-**Artikoli 989** u **991 tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn il-ġenb ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet (i.e. fin-nota marġinali tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), wieħed isib li l-leġislatur jiġbor dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet fil-kategorija ta' mġiba, kliem jew għemil mhux xieraq jew għal insulti *in facie curiae*.

23. Issa jekk wieħed jifli sew dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi, wieħed dlonk jista' jintebaħ li b'disprezz *in facie curiae*, il-leġislatur qiegħed jitkellem dwar affarijiet li jiġru waqt is-seduta stess. Fil-fatt kemm fl-**Artikolu 989**, kif ukoll fl-**Artikolu 991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-liġi tuża l-kliem «*f'seduta tal-Qorti*» u «*waqt is-seduta.*»

24. Dejjem skont dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi hemm disprezz *in facie curiae*: (i) jekk xi ħadd f'seduta jagħmel esklamazzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' diżapprovazzjoni, jew b'xi mod ieħor ifixkel l-attenzjoni tal-qorti (**Artikolu 989**); jew (ii) jekk xi ħadd jgħid kliem jew iwettaq għemil mhux xieraq waqt is-seduta jew jinsulta lil xi persuna oħra (**Artikolu 991**).

25. Meta l-att tad-disprezz jiġri waqt is-seduta, allura l-Imħallef jew il-Maġistrat huwa mogħni bis-setgħa skont l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li huwa stess jiddeċiedi jekk seħħx att ta' disprezz jew le. U f'każ li jsib li twettaq disprezz, l-Imħallef

jew il-Maġistrat ikun jista' jikkundanna minnufih lil dik il-persuna misjuba ħatja ta' disprezz bil-piena tal-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skont il-**Kodiċi Kriminali**.

26. Minbarra dawn il-forom ta' disprezz *in facie curiae* hemm sitwazzjonijiet oħra fejn il-liġi tgħid li għemil huwa suġġett għall-pieni msemmija fl-**Artikoli 990** u/jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Insibu bħala eżempju l-**Artikolu 996 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** meta xi ħadd quddiem l-Imħallef jew il-Maġistrat juri mġiba ħażina kontra avukat, prokuratur legali jew uffiċjal ieħor fil-waqt tal-qadi ta' dmirijietu.

27. B'żieda ma' dawn, ir-**regolament 26 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)** u **r-regolament 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Kodiċi Kriminali) (Leġislazzjoni Sussidjarja 9.11)** jipprovdu lista sħiħa ta' għemejjel li jekk isiru minn xi ħadd quddiem il-Qorti jistgħu jiġu kkundannati dak il-ħin stess mill-Qorti u jkunu suġġetti għall-pieni msemmija fl-**Artikolu 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Issa kif tajjeb ġie mfisser dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Joseph Debrincat et*** deċiża fis-7 ta' Novembru,

2024: filwaqt illi disprezz *in facie curiae* jista' jiġi ġudikat u deċiż minnufih mill-Imħallef jew mill-Maġistrat li fil-preżenza tiegħu jkun sar id-disprezz matul is-seduta, min-naħa l-oħra mhux l-istess jiġri f'każijiet ta' disprezz li ma jsirx *in facie curiae*. Dan għaliex bid-dħul fis-seħħ tal-**Artikolu 1003A** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** b'riħet l-**Att XXIV tal-1995**, illum kull proċediment għad-disprezz li ma jkunx *in facie curiae* għandu jitnieda mir-Reġistratur bħala attur u dan wara li huwa jirċievi ordni mill-Qorti biex jinbdew proċeduri ta' disprezz.

29. Ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Anthony Manduca et nomine*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 2002, li meta l-kwistjoni tmur lil hemm minn sempliċi mġiba ħażina li tiġri fil-mument tas-seduta, allura l-kwistjoni ma tibqax tikkonċerna lil xi Qorti partikolari imma tiġi tikkonċerna l-amministrazzjoni tal-ħaqq b'mod ġenerali. Huwa sewwasew għalhekk li l-liġi proċedurali ħasbet fi proċedura speċifika quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn permezz ta' rikors maħluf imressaq mir-Registratur bħala attur jiġi mħarrek l-"*akkużat*" fil-vesti ta' konvenut sabiex iwieġeb jekk dan għandux jinstab ħati ta' disprezz lejn l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja.

30. Id-distinzjoni bejn l-imġiba mhux xierqa li ssir *in facie curiae* u dik li ma ssirx ġiet imfissra tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Meinrad Calleja*** deċiża fit-8 ta' Ġunju, 1998. Fl-ewwel każ ta'

disprezz *in facie curiae*, il-liġi trid tagħti lill-ġudikant il-mezzi biex minnufih iġib għall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-ġustizzja u dana biex tiżgura li xejn ma jimpediha milli teżerċita d-doveri tagħha b'intervent repentin (i.e. mill-ewwel jew minnufih) u awtorevoli, filwaqt li fit-tieni każ fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proċeduri quddiemha, il-liġi tipprovdi li jiġi żgurat li min ikun akkużat li jkun ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti jingħata opportunità sħiħa li jiddefendi ruħu minn din l-akkuża.

31. Fil-ġurisprudenza tagħna ġew meqjusa bħala atti ta' disprezz *in facie curiae*: (i) kummenti ostili jew kondotta ta' tfixkil fl-andament ġust u xieraq tal-ġudizzju (ara ***Il-Qorti v. Onor. Avv. Dr. Enrico Mizz***i deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 1950); u (ii) xhud li jaqbad u jitlaq 'il barra waqt li jkun qed isirlu l-eżami (ara ***Il-Qorti v. Pawlu Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar, 1944). Min-naħa l-oħra iżda, ma ġewx meqjusa bħala atti ta' disprezz *in face curiae*: (i) it-tkaxkir tas-saqajn mill-partijiet waqt il-kawża (ara ***Paul Farrugia et v. Monica Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-13 ta' Frar, 2009); (ii) in-nuqqas ta' dehra ta' xhud li jkun ġie mħarrek regolarment u li ma jattendix għas-seduta (ara ***Il-Pulizija v. Robert Saliba*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ġunju, 2016 u ***Liza Delia v. Ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali (Malta) et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2015); (iii) l-assenza tal-prosekutur waqt il-

proċeduri kriminali (ara ***Il-Pulizija v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2010); (iv) in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tindika l-artikoli tal-liġi fl-imputazzjonijiet (ara ***Il-Pulizija v. Husam Faiz el Lafi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2010); (v) it-tfixkil magħmul lill-uffiċjal tal-qorti fl-eżekuzzjoni ta' xi mandat tal-Qorti (ara ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Frances Bugeja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2003); u (vi) in-nuqqas ta' ħarsien ta' xi ordni tal-Qorti (ara ***Alfred Fenech v. Dr Harry Vassallo*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2006) u ***Reġistratur Tal-Qrati Superjuri v. Lygia Sive Luigia Saliba*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2001).

32. Fil-każ tagħna, l-għemil li dwaru l-Qorti tal-Maġistrati kkundannat lill-Kummissarju tal-Pulizija jħallas il-multa ta' €500 mhuwiex wieħed li huwa suġġett għall-pieni msemmija fl-**Artikoli 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

33. Tassew l-allegat nuqqas tal-Kummissarju tal-Pulizija milli jobdi l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati illi jwettaq mandat ta' arrest kontra l-imputat Keith Bonello, la jista' jitqies bħala att ta' disprezz *in facie curiae* li sar waqt is-seduta skont kif imfisser fl-**Artikoli 989** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, bħalma lanqas ma jista' jitqies bħala xi għemil li jaqa' fil-listi provduti fir-**Regolament 26 tar-Regoli dwar**

**il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)** u **r-Regolament 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Kodiċi Kriminali) (Leġislazzjoni Sussidjarja 9.11)**.

34. Għalhekk il-Maġistrat li kienet qiegħda tpoġġi fil-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx hija stess taqbad u tikkundanna lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-ħlas ta' multa skont l-**Artikolu 991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Mod ieħor jekk l-imsemmija Maġistrat ħasset illi l-Kummissarju tal-Pulizija naqas fir-rispett li għandu jġib lejn il-qorti minħabba li l-pulizija eżekuttiva allegatament ma obdietx l-ordni tagħha li twettaq mandat ta' arrest, hija kellha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati biex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-Kummissarju tal-Pulizija skont l-**Artiklolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni ta' Proċedura**.

35. L-ewwel aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija għalhekk huwa tajjeb u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sa fejn waħħlitu l-multa ta' €500 sejra tiġi mħassra.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk tħassar id-

deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fis-17 ta' Ottubru, 2024 sa fejn din ikkundannat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iħallas multa ta' €500.

Peress li l-appell tal-lum nibet minħabba żball tal-liġi min-naħa tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, kull parti li ħadet sehem f'dawn il-proċeduri tal-appell għandha tħallas l-ispejjeż tagħha li nefqet f'dan l-appell. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għandu wkoll iħallas l-ispejjeż tiegħu ladarba huwa ma kellux għalfejn iwieġeb għal dan l-appell ladarba l-multa ngħatat minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss